**IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Deċiżjoni Preliminari Numru 2386
Każ Numru 3148/KBC
Fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn:

Av. Matthew Brincat bħala mandatarju speċjali ta' Muiris Seasmus Mahon (Passaport Irlandiż PC7205845)
u
GOAGT Limited (C-55270)
U
Maritime Guard Group Limited (C-51865)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2015

**It-Tribunal,**

Ra d-dikjarazzjoni tar-rikorrent tal-21 t'Awissu, 2013, li permezz tagħha r-rikorrent allega li l-impjieg tiegħu mall-kumpaniji ntimati kien ġie terminat għal raġuni mhux ġustifikata;

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrent;

Ra r-risposta u d-dikjarazzjoni tal-każ tas-soċjetajiet intimati permezz tagħha stqarru li r-rikorrent ma kienx impjegat magħhom iżda ma' soċjetà estera, eċċepew ulterjorment li dan it-Tribunal ma għandux ġurisdizzjoni biex jisma' l-każ, u subordinatament li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent ma seħħx bi ksur tad-drittijiet tiegħu;

Ra l-lista tax-xhieda tal-partijiet;

Sema' x-xhieda ta' Gerry Northwood li spjega kif jopera n-negozju tal-prinċipal tiegħu u tas-soċjetà ntimata Maritime Guard Group u dwar din tal-aħħar huwa stqarr li tiffaċilita l-operazzjoni ta' sigurtà fuq bastimenti illi iżda ma timpjegax il-ħaddiema li jipprovdu s-sigurtà. Huwa qal li s-soċjetà GOATG reġistrata Malta ma eżerċitatx il-kummerċ u lanqas impjegat lir-rikorrent jew xi ħaddiema oħra. Huwa ċaħad li r-rikorrent kien impjegat ma' xi waħda mill-intimati. Huwa xehed dwar ir-raġuni tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent, li skont hu kienet in-nuqqas ta' xogħol għalih.

Sema' x-xhieda ta' Chloris Portelli, Financial Controller ta' Maritime Guard Group (MGG), li spjegat il-funzjoni tal-prinċipal tagħha u l-mod kif kienu jitħallsu s-salarji lill-impjegati ta' GOAGT Ltd, li hija nkorporata fis-Seychelles. In kontro-eżami kkonfermat li hemm management contract bejn MGG u GOAGT tas-Seychelles.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Saliba, rappreżentant tal-ETC, li xehed fuq l-impjiegi reġistrati ma' Maritime Guard Group Limited u ma' Gulf of Aden Group Transits.

Sema' x-xhieda ta' Nita Gavin li tgħid li hija mpjegata ma' Maritime Guard Group bħala Corporate Manager li stqarret li r-rikorrent kien jaħdem ma' GOAGT Seychelles Limited u xogħolu ma kienx ibbażat f'Malta.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent li spjega kif ġie ngaġġat u li qatt ma kellu kuntratt iffirmat mill-prinċipal tiegħu, minkejja li talab li jkun iffirmat dan il-kuntratt. Stqarr li kien jitħallas minn MGG jew GOAGT u spjega n-natura tax-xogħol li kien jagħmel kif ukoll iċ-ċirkostanzi li wasslu għat-temm tal-imġjieg tiegħu. Huwa qal li ma ħallasx taxxa f'Malta u lanqas NI, u li ħa ħsieb it-taxxa f'pajjiżu.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni finali tar-rikorrent.

Ra li fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2014, il-każ ġie differit għad-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni preliminari;

**Ikkunsidra:-**

Illi l-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal hija waħda speċjali u limitata b'dak li hemm provdut fil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta li jinkludu l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija nġusta u l-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I tal-istess Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu. (Art. 75(1) tal-Kap. 452). Dan it-Tribunal huwa għalhekk kompetenti li jisma' każijiet fejn jiġi allegat li saret tkeċċija ġusta u huwa biżżejjed li tkun saret allegazzjoni ta' tkeċċija ġusta biex imbagħad ikun it-Tribunal li jkun kompetenti li jiddetermina jekk kienx hemm tkeċċija ġusta fil-parametri tal-liġi.

Huwa ċar li r-rikorrent qed jallega li kien hemm tkeċċija nġusta. Huwa biss dan it-Tribunal li huwa kompetenti biex jiddetermina jekk l-allegazzjoni tar-rikorrent għandhiex mis-sewwa. Għalhekk, għal kull buon fini qiegħed jingħad li dan it-Tribunal għandu ġurisdizzjoni biex jisma' l-każ kif propost.

Dan premess, it-Tribunal irid iqis jekk kienx hemm relazzjoni ta' prinċipal u impjegat bejn xi waħda mis-soċjetajiet intimati u r-rikorrent. Hawnhekk, fid-dawl tad-difiża tas-soċjetajiet intimati, jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova l-allegazzjoni tiegħu li huwa kien tassew impjegat ma' xi waħda minnhom. Dan it-Tribunal jinnota *inter alia* li:

a. Ma hemm ebda kuntratt ta' impjieg bil-miktub mill-intimati favur ir-rikorrent;
b. Ir-referenzi tal-impjieg ġew maħruġa fi tmiem l-impjieg minn soċjetà bl-isem Gulf of Aden Group Transits Limited b'timbru li jindika "Company No. 063990" (ara Dok. MB4). Ma jirriżultax li xi waħda mill-kumpaniji ntimati għandha l-imsemmi numru.
c. Mix-xhieda tar-rappreżentant tal-ETC u d-dokumenti esebiti minnu joħroġ li ma hemm ebda rekord tar-rikorrent bħala mpjegat tas-soċjetajiet intimati.
d. Il-fatt waħdu li s-soċjetajiet intimati għamlu ħlasijiet ta' pagi mhux prova biżżejjed li huma mpjegaw lir-rikorrent, peress li huwa verosimili li kienu qed jeffetwaw ħlasijiet ta' pagi bħala parti mill-funzjoni amministrattiva tagħhom fil-grupp.

Għalhekk, dan it-Tribunal ser jikkonkludi li ma kienx hemm relazzjoni ta' mpjieg bejn ir-rikorrent u xi waħda mis-soċjetajiet intimati.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi jiddikjara li r-rikorrent ma kienx impjegat minn xi waħda mis-soċjetjiet intimati, jilqa' għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet intimati u jilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.**

Għall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal jiffissa s-somma ta' tlieta u disgħin euro u sbatax -il ċentezmu (€93.17).

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 t-Tribunal jiddikjara li minħabba n-numru tas-seduti u differimenti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**